MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1113/2004

**Vincenza Caruana, Rita u Alfred Cesare**

**Vs**

**Lawrence Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus lilu mislufa, kwantu ghal mitt lira Maltin (Lm100) mill-attrici Vincenza Caruana u mitt lira Maltin (Lm100) mill-atturi Rita w Alfred Cesare.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba ghandha tigi michuda billi l-flus ma kienux self izda kienu

b'donazzjoni billi dak iz-zmien il-konvenut kellu bzonn ta' ghajnuna finanzjarja ghar-ragunijiet medici.

Sema' x-xhieda ta' Biagio Muscat, Mary Grace Farrugia, Joseph Caruana, Guza Zammit, Lawrence Caruana, Jane Caruana, Vincenza Caruana, Rita Cesare w Alfred Cesare.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Daniela Chetcuti ghall-atturi u Dr Chris Soler ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza hemm kuntrast qawwi bejn il-provi ta' l-atturi u l-provi tal-konvenut. L-atturi jsostnu li huma sellfu l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) lill-konvenut f'Mejju 2001 billi hu kien qalilhom li kellu bzonn il-flus halli jhallas l-*insurance* tal-karozza tat-tifel tieghu li kienet ghalqet u li ma kellux flus bizzejjed biex ihallasha. Huma jghidu wkoll li r-raguni li ma kellux flus kienet illi kellu xi flus iddepozitati l-bank li kienu marbutin u ma kienux ghadhom ghalqu u ghalhekk ma setax jigbed minnhom.

Il-konvenut isostni li fil-fatt il-hlas sar f'Ottubru 2001 u dan in konnessjoni mal-fatt li kellu problema medika serja li nhtieget li huwa jsiefer lejn l-Ingilterra u bhalma ghamlu persuni ohra, l-atturi kienu tawh il-flus bhala donazzjoni.
It-Tribunal kellu okkazjoni li jisma' x-xhieda tal-partijiet kollha fil-kaz u jidhirlu li f'din il-kawza partikolari ghandha tipprevali t-tezi ta' l-atturi.

It-Tribunal m'ghandux dubju li effettivament il-mitejn lira Maltin (Lm200), mertu tal-kawza, thallsu lill-konvenut f'Mejju 2001 u mhux f'Ottubru 2001 (kif jallega l-konvenut) u li tali hlas sar fuq bazi ta' self. L-atturi anki ziedu jghidu li fil-fatt f'Ottubru 2001 huma wkoll kienu tawh xi flus izda t-tieni darba b'donazzjoni billi tawh erbghin lira Maltin (Lm40) kull wiehed, jigifieri erbghin lira Maltin (Lm40) ommu w erbghin lira Maltin (Lm40) ohtu Rita Cesare, b'kollox tmenin lira Maltin (Lm80). Il-konvenut isostni li

mhux veru li rcieva dawn it-tmenin lira Maltin (Lm80) izda t-Tribunal huwa nklinat li f'dan ir-rigward jemmen lill-atturi.

Gie accennat f'din il-kawza li fil-fatt ir-raguni vera ghaliex saret il-kawza kienet billi f'xi zmien, Mary Grace Farrugia (oht il-konvenut) kienet tghix m'ommha Vincenza Caruana, l-attrici. Jidher illi f'xi zmien huma ma baqghux igibu lil xulxin tant illi Mary Grace Farrugia telqet minn hemm u ghall-habta ta' Dicembru 2002 il-konvenut ghen lill-istess Mary Grace Farrugia, ohtu, sabiex tiehu xi affarijiet minghand id-dar t'ommha. Kienet f'din l-okkazjoni li qed jigi allegat li kienet l-ewwel darba li ntalab li jirrifondi l-mitejn lira Maltin (Lm200).

Il-konvenut isostni li fil-fatt intalab ihallas dan l-ammont ghaliex l-atturi qieghdin jallegaw li huwa biddel is-*side* tieghu, ma baqax izomm m'ommu u m'ohtu l-atturi izda beda jzomm m'ohtu Mary Grace Farrugia.

Din l-allegazzjoni m'hi ta' relevanza xejn ghall-kawza odjerna u mhux se jidhol fiha u mhux sew li l-partijiet jisservew mit-Tribunal biex jivventilaw il-piki ta' bejniethom.

Mhux eskluz li ghalkemm l-atturi verament kienu sellfu l-mitejn lira Maltin (Lm200) lill-konvenut, kienu qed jahsbuha jitolbuhx ihallashom lura minhabba l-problemi medici tieghu li anki kellhom rifless fuq l-istat finanzjarju tieghu tant illi hafna persuni kienu tawh donazzjoni. Mhux eskluz ukoll li huma possibilment affermaw l-opinjoni taghhom li jitolbu l-flus lura minhabba dak li gie premess izda ghal finijiet tal-vertenza odjerna ma jinbidel xejn.

Effettivament il-flus gew mislufa bil-patt li jithallsu meta l-konvenut ikun jista' jhallashom. Ma giex miftiehem li jithallas imghax. A tenur ta' l-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili, meta ma jkunx hemm zmien pattwit ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jew, kif kien il-kaz odjern, li l-obbligazzjoni tigi esegwita meta d-debitur ikun jista' jesegwiha, tali obbligazzjoni ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn jekk ma jkunx hemm imghax u fi zmien sitt snin meta jkun hemm imghax.

Fil-kaz odjern ma kienx hemm imghax pattwit u ghalhekk l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita fi zmien sentejn u cjoe' sa Mejju 2003.

Ghalhekk jirrizulta illi l-atturi sellfu s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) lill-konvenut minghajr imghax, li l-konvenut ma hallasx id-debitu u li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------